**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 4**

**Avviz Nru: 341/02AE**

**Austria Tabak (Malta) Ltd**

**Vs**

**Christian Said**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm385.84), hlas dovut bhala rifuzjoni ta' *commission* li thallset mis-socjeta attrici skond kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fis-16 ta' Lulju 2001 dwar stallazzjoni ta' cigarette vending macinhe fil-Malta Labour

Party Club ta' San Giljan li dak iz-zmien kien operat mill-konvenut u wara ma baqax jigi operat.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta il-kawza u milli jidher ghas-seduti tas-26 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Neville Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta attrici, jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu sal-lum dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm385.84), bl-imghax mil-lum.

L-ispejjez kollha (inkluz drittijiet legali li jigu ntaxxati mir-Registratur tal-Qorti) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**